MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Numru. 639/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**

**KONTRA**

**CHARLES GRECH ta’ 41 sena, iben Charles u Carmela nee’ Bonanno, imwieled Tal-Pitea’ nhar il-15 ta’ Novembru, 1968, residenti fil-fond Sydney, Bieb ir-Ruwa, limiti tar-Rabat, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 487768M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **CHARLES GRECH** li gie akkuzat talli:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel

hsara fuq tliet fillieri bhajra bil-habel maghruf bhala ‘Ir-Roqgha tal-Qasba’, qala’ prodott konsistenti f’patata bil-habel maghruf bhala ‘Il-Gandott’, u kisser cirka tmenin bejta qargha ahmar fil-habel maghruf bhala ‘Tal-Bzara’, ilkoll fil-kontrada maghrufa bhala ‘Tal-Planta’, fil-Bahrija, liema hsara hija ta’ iktar minn Lm50.00 (hamsin lira Maltin), izda mhux iktar minn Lm500.00 (hames mitt Lira Maltin) ghad-dannu ta’ l-ahwa Anthony u Rosa Sammut u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li gie pprezentat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u wiegeb ukoll illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Semghet il-provi kollha.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza trattandosi ta’ allegat hsara li saret go raba’ b’mod partikolari gol-prodott ta’ l-istess.

Illi f’dan ir-rigward fil-fatt saret kwerela minn Anthony u Rosa ahwa Sammut dwar tali hsara fir-raba’. Din intbaghtet nhar is-16 ta’ Lulju, 2007 (vide DOK CG 1 folio 12). F’dan ir-rigward giet ezebita wkoll l-istqarrija ta’ l-imputat DOK CG a folio 5. Fl-istess stqarrija huwa nnega b’mod totali l-involviment tieghu f’dan ir-reat. Xehdet ukoll il-kwerelanta Rosa Sammut – din xehdet nhar is-26 ta’ Settembru, 2007. Xehdet illi hi kienet rat l-imputat jaqla’ u jkisser skond l-akkuzi dedotti. Irrizulta wkoll mill-istess xhieda li hemm antagonizmu kbir bejn il-partijiet minhabba kwistjoni fuq l-art mertu ta’ din il-kawza. Lanqas fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hi konvinta l-Qorti dwar il-kredibbilta’ ta’ l-istess  xhud, b’mod partikolari meta tghid illi damet saghtejn tara dan il-vandalizmu jsir b’sebat iklieb maghha, minn certu distanza, u ma qalet xejn (folio 18). Dan oltre l-fatt illi fil-kwerela nnifisha ma saret ebda referenza ghal dak illi xehdet l-istess Rose Sammut a tempo vergine.

Illi fuq il-provi prodotti din il-Qorti thoss li hemm dubbju bizzejjed a favur ta' l-imputat, ghaldaqstant tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------